MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Avviz Numru. 445/2001/1

**Topcar Limited**

**Vs**

**Maria Grima Baldacchino**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm360.90) bilanc fuq panel beating, xiri ta' spare parts u spray li sar b'inkarigu tal-konvenut mis-socjeta attrici fuq il-karozza Opel Corsa numru ta' registrazzjoni FUN 001 u fuq diversi karozzi ohra.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi Lm6 tal-ittra legali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 9 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont li qed jigi pretiz mhuwiex dovut;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-vettura msemmija u cioe' Opel Corsa numru ta' registrazzjoni FUN001 ma hijiex proprjeta' ta' Maria Grima Baldacchino;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti dejjem hallset ghax-xogholijiet li sarulha u ma ghandha ebda bilanc pendenti;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha moghti 'seduta stante' fis-16 ta' Jannar 2002 (fol 13 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri (fol 29 tal-atti) u li biha l-konvenuta eccepiet ulterjorment, il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar a tenur ta' l-artikolu 2148(a).

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 32 u a fol 36 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in rigward l-eccezzjoni ulterjuri kif proposta, l-artikolu 2148(a) citat jghid li l-azzjonijiet ta' persuni li jesecitaw xi sengha jew <u>arti mekkanika</u> huma preskritti bit-trapass ta' tmintax-il xahar. Dwar dan, <u>Sergio Camilleri</u> (fol 17 et seq ibid) spjega li l-konvenuta kienet inkarigatu f'isem is-socjeta attrici sabiex jaghmel xoghol ta' "… 'panel beating', 'spray', kif 'trading' (ossija bdil) ta' parts fuq il-vetturi u 'air-conditioning units' elenkati a fol 19 tal-atti, bil-valur u prezz ta' xoghol u partijiet kif hemm specifikati. B'kollox, il-prezz globali kien jammonta ghal Lm594.30, minn liema somma kien sar hlas akkont ta' Lm233.40,0 mill-istess konvenuta personalment kif indikat fl-istess prospett. Dwar il-bilanc, allegatament dovut, il-konvenuta kienet intalbet sabiex thallsu izda hi kienet tghidlu "… ghal issa ma nistax inhallsek" jew "irrid niccekkja" jew "…ma

setghetx thallas dak il-mument" minhabba li kellha xi inkwiet ma huha".

Illi dan ix-xhud ma specifika ebda data in rigward meta dak premess kien gie esegwit jew meta kien sar il-hlas akkont, kif hemm fuq premess. Pero, l-konvenuta, meta xehdet stqarret li kien minnu li kien sar dan il-pagament izda sostniet li dan kien sar "a saldu" ta' kull ammont dovut, kif spjegat fl-istess xhieda taghha b'mod aktar dettaljat. Dwar dan il-hlas, il-konvenuta kompliet tghid ili dan kien sar permezz ta' 'cheque' moghti lix-xhud precedenti, f'inkontru li kien sar fl-4 ta' April 2000, kif risultanti mill-'istatement' bankarju esebit minnha stess, l-istess 'cheque' kien gie msarraf fis-6 ta'April 2000.

Ikkunsidrat

Illi, permezz tal-pagament li sar, jidher car li, f'dan il-kaz ghandu jopera l-artikolu 2134 tal-Kodici Civili li jirregola l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni permezz ta' pagament akkont, kif sosnta ix-xhud Sergio Camilleri. Inoltre l-avviz in esami gie presentat fil-21 ta' Mejju 2001, ossija qabel ma ghadda t-terminu ta' preskrizzjoni specifikat fl-eccezzjoni ulterjuri kif proposta.

Illi, dan premess, il-Qorti ma tarax li hu mehtieg, f'dan il-kaz, li tiddeciedi jekk l-artikolu applikabbli f'dan il-kaz hux dak in esami jew l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Pero ghandu jinghad i l-konvenuta ma specifikatx xi data minn meta s-socjeta attrici setghet tesercita l-azzjoni in esami u, b'hekk, minn meta beda jiddekorri l-perjodu ta' preskrizzjoni appikabbli f'dan il-kaz. Dwar dan il-punt, il-prova jew provi relattivi kienu jispettaw lill-istess konvenuta, kif ben issottomettiet is-socjeta attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha a fol 38 l-ahhar paragrafu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni ulterjuri kif sottomessa mill-konvenut u tordna li dan il-kaz jitkompla sabiex jigi deciz fil-meritu.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------